**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**
**IMĦALLEF**
**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**ILLUM l-Erbgħa, 11 ta' Jannar, 2017**

**Kawża Nru 4**

**Rikors Nru. 621/2016JRM**

**BANK OF VALLETTA p.l.c. (C-2833)**

vs

Paul **FARRUGIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fis-26 ta' Lulju, 2016, li bih is-soċjeta rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitba privata tat-13 ta' Marzu, 2010 (u hawn esebita bħala Dokument "A") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrek Paul Farrugia (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kitba privata (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kitba privata, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrek li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta attriċi; u

(ii) Tikkundanna lill-imħarrek Paul Farrugia iħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' tnejn u għoxrin elf mitejn u tlieta u ħamsin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmi (€22,253.94), bilanċ għad-debitu fil-"*Credit Card Loan Account*" tiegħu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "B") flimkien mal-imgħax ulterjuri mis-27 ta' April, 2016, sad-data tal-effettiv pagament, flimkien mal-ispejjeż tal-kawża, magħduda dawk tal-ittra uffiċjali u wkoll tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju, preżentat kontestwalment;

Rat illi r-rikors ġie debitament notifikat lill-intimat bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni li naqas li jippreżenta risposta fiż-żmien mogħti lilu mil-liġi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimat taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kitba privata tat-13 ta' Marzu, 2010, billi l-imħarrek Paul Farrugia naqas li jħallas regolarment u fiż-żmien li fih intrabat li jagħmel dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrek naqas li jwettaq l-obbligi l-oħrajn li ntrabat bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrek li jolqtu ħażin il-possibilita tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrek Paul Farrugia biex iħallas lill-Bank attur is-somma ta' €22,253.94 bilanċ għad-debitu fil-"*Credit Card Loan Account*" tiegħu, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mis-27 ta' April, 2016, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrek biex iħallas **l-ispejjez tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**11 ta' Jannar, 2017**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Reġistratur**

**11 ta' Jannar, 2017**